**Għadda jum ieħor**

Mulej għadda jum ieħor
Kemm problemi jiena smajt
Madankollu ħaġa li
F'daqqa waħda innutajt.

Wara kull storja kien hemm
L-id tant setgħana tiegħek,
Għalhekk qalbi kemm ferħet
Li setgħet tistrieħ miegħek.

U minn fost dawk l-istejjer
Rajtha tiela' l-fedeltà,
Li hemm fl-imħabba tiegħek
Li tissarraf f'lealtà.

Lejn uliedek għajjiena
Iġorru tal-ħajja l-piż,
Fik straħu, sabu l-hena
Mit-tbatija tat-tqasqis.

Ta' ilsna ferm giddieba
U li ma jaħfruha l-ħadd,
Huma ilsna ħattafa
Li magħhom ma tasal qatt.

Mulejja se nsellimlek
Dawk għajnejja magħluqin,
Kemm inħossni qed nonghos
Iżżellaqt f'art il-ħenjin.

Għinni nistrieħ fil-paċi
Ibnek, bintek nibqa’ jien,
Mulej għadda jum iehor
Fawwarni bik għal kull żmien.

Patri Mario Attard OFM Cap
19 ta' Jannar 2025

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.